REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/517

tal-11 ta' Frar 2021

li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2361 fir-rigward tal-arranġamenti għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet għall-infiq amministrattiv tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas tal-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 65(5) tiegħu,

Billi:

(1) Meta jikkalkula l-kontribuzzjonijiet annwali individwali msemmija fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2361 ([2]), il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni ("il-Bord") jiddependi b'mod partikolari fuq *id-data* dwar l-assi totali u l-iskoperturi għar-riskju totali li l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jiġbor mingħand l-entitajiet li huma soġġetti għall-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni biex jikkalkula t-tariffi superviżorji msemmija fir-Regolament (UE) Nru 1163/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew ([3]). Għal dan il-għan, u skont l-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/2361, il-BĊE jibgħat annwalment lill-Bord *id-data* dwar kull debitur tal-kontribuzzjoni miġbura mill-BĊE f'dik is-sena. Tali *data* għandha tiġi trażmessa fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mill-ħruġ tal-avviżi tariffarji tal-BĊE u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena li għaliha jinħarġu l-avviżi tariffarji.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 1163/2014 ġie emendat bir-Regolament (UE) 2019/2155 tal-Bank Ċentrali Ewropew ([4]), fost l-oħrajn biex tinbidel is-sistema li biha l-BĊE jiġbor *id-data* għad-determinazzjoni tat-tariffi superviżorji. Qabel dik l-emenda, ir-Regolament (UE) Nru 1163/2014 ippreveda l-pagament bil-quddiem tat-tariffi superviżorji annwali lill-BĊE. Wara l-emenda, ir-Regolament (UE) Nru 1163/2014 jipprevedi l-impożizzjoni ta' tariffi superviżorji biss wara t-tmiem tal-perjodu tariffarju rilevanti, ladarba n-nefqiet annwali reali jkunu ġew iddeterminati, u jirrikjedi li l-BĊE joħroġ avviż tariffarju lil kull debitur tariffarju kull sena, fi żmien sitt xhur wara l-bidu tal-perjodu tariffarju sussegwenti.

(3) Billi attwalment il-BĊE jiġbor it-tariffi superviżorji biss wara l-bidu tas-sena finanzjarja tal-Bord, dan ikun jista' jittrażmetti l-aktar *data* reċenti lill-Bord biss sussegwentement. Għaldaqstant, l-iskadenzi stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2017/2361 għat-trażmissjoni *tad-data* mill-BĊE lill-Bord ma għadhomx jippermettu lill-Bord jikkalkula u jiġbor bil-quddiem il-kontribuzzjonijiet annwali individwali dovuti għal sena finanzjarja partikolari. Sabiex tinżamm il-koerenza bejn is-sistema tal-Bord ta' ġbir bil-quddiem tal-kontribuzzjonijiet u r-reġim il-ġdid tal-BĊE, u sabiex il-Bord ikun jista' jkompli jikkalkula u jiġbor bil-quddiem il-kontribuzzjonijiet annwali, l-iskadenzi għat-

([1]) ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2361 tal-14 ta' Settembru 2017 dwar is-sistema finali ta' kontribuzzjonijiet għall-infiq amministrattiv tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (ĠU L 337, 19.12.2017, p. 6).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1163/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar it-tariffi superviżorji (BĊE/2014/41) (ĠU L 311, 31.10.2014, p. 23).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2019/2155 Tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-5 ta' Diċembru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1163/2014 dwar it-tariffi superviżorji (BĊE/2019/37) (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 70).

trażmissjoni *tad-data* u għall-ħruġ tal-avviżi ta' kontribuzzjoni skont ir-Regolament Delegat (UE) 2017/2361 jeħtieġ li jiġu emendati. Peress li l-iskadenza biex il-BĊE jiffattura t-tariffi superviżorji hija sal-aħħar ta' Ġunju ta' kull sena, jenħtieġ li l-Bord ikun intitolat li jiġbor pagamenti parzjali bil-quddiem fuq il-kontribuzzjonijiet sabiex ikopri l-infiq għall-parti tas-sena finanzjarja tiegħu li tippreċedi dik id-data. Sabiex jiġi minimizzat il-piż amministrattiv fuq l-entitajiet u l-gruppi kkonċernati, u fuq il-Bord, il-pagamenti parzjali bil-quddiem jenħtieġ li jingabru biss minn entitajiet u gruppi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà diretta tal-Bord.

(4) L-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2017/2361 uriet li huwa importanti li l-bidliet fil-kompożizzjoni tal-grupp ta' entitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 u li għalhekk huma meħtieġa jikkontribwixxu għall-infiq amministrattiv tal-Bord, ikunu riflessi fil-kalkolu annwali tal-kontribuzzjonijiet amministrattivi fil-ħin. Il-Bord, għalhekk, jenħtieġ li juża l-aktar informazzjoni reċenti dwar il-kompożizzjoni tal-grupp ta' dawk l-entitajiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-BĊE, l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jassistu lill-Bord bl-informazzjoni rilevanti kollha biex jivvaluta jekk entità hijiex obbligata li tikkontribwixxi għall-infiq amministrattiv tal-Bord. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat il-mod kif il-Bord għandu jittratta każijiet fejn l-entrati fl-entitajiet marbuta li jikkontribwixxu għall-infiq amministrattiv tal-Bord, iseħħu f'tali żmien tas-sena meta l-BĊE ma jibqax jiddetermina *d-data* korrispondenti.

(5) Għal raġunijiet operazzjonali, huwa meħtieġ li l-Bord ikollu data ta' skadenza ċara għad-determinazzjoni tal-kompożizzjoni tal-grupp ta' entitajiet li jidħlu fil-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali f'sena partikolari. Jenħtieġ li l-Bord jirrevedi dak il-kalkolu fis-sena ta' wara biex jinkorpora kwalunkwe bidla li setgħet seħħet wara dik id-data ta' skadenza.

(6) Il-bidla tal-BĊE minn sistema ta' ħruġ ta' tariffi *ex ante* għal sistema ta' ħruġ ta' tariffi *ex post* rriżultat f'nuqqas fit-trażmissjoni ta' *data* mill-BĊE lill-Bord għall-perjodu minn Diċembru 2019 sa Ġunju 2021. Sabiex jiġi żgurat li l-Bord ikun jista' jiġbor ir-riżorsi biex ikopri l-infiq amministrattiv tiegħu għall-2021 *bid-data* li tkun disponibbli għalih fil-bidu ta' dik is-sena, huma meħtieġa arranġamenti tranżizzjonali għas-sena finanzjarja 2021. Sabiex tiġi riflessa s-sitwazzjoni tal-entitajiet kontribwenti eqreb għas-sena finanzjarja 2021, madankollu, jenħtieġ li l-Bord jikkalkula mill-ġdid dawk il-kontribuzzjonijiet fl-2022 abbażi ta' *data* aktar reċenti li sadanittant tkun saret disponibbli għalih. Id-differenza bejn l-ammont tal-kontribuzzjoni annwali individwali dovuta għas-sena finanzjarja 2021 kif ikkalkulat mill-ġdid fis-sena 2022 u l-ammont ta' dik il-kontribuzzjoni kif ikkalkulat fis-sena 2021 jenħtieġ li jiżdied jew jitnaqqas, rispettivament, mill-ammont tal-kontribuzzjoni annwali individwali dovuta għas-sena finanzjarja 2022.

(7) Peress li l-Bord jeħtieġ li japplika l-arranġamenti tranżizzjonali sabiex jiġbor il-kontribuzzjonijiet għall-infiq amministrattiv tiegħu għas-sena finanzjarja 2021 malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tas-sena, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu. Tali dħul fis-seħħ bikri ma għandu l-ebda impatt fuq l-entitajiet soġġetti għall-kontribuzzjonijiet, għax ir-regola ġenerali li l-Bord jista' juża l-aħħar *data* disponibbli sabiex jikkalkula l-kontribuzzjonijiet, meta l-BĊE ma jkunx ipprovda lill-Bord bl-aktar *data* riċenti fil-ħin, diġà hija stabbilita mill-Artikolu 6(7) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/2361. Għalhekk mhi meħtieġa l-ebda preparazzjoni mill-entitajiet ikkonċernati.

(8) Għaldaqstant, ir-Regolament Delegat (UE) 2017/2361 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/2361 huwa emendat kif ġej:

"1. għandu jiddaħħal l-Artikolu 4a li ġej:

"Artikolu 4a

Pagamenti parzjali bil-quddiem fuq il-kontribuzzjonijiet annwali individwali

1. Kull sena finanzjarja, qabel ma jirċievi *d-data* skont l-Artikolu 6(1), il-Bord jista' jiġbor mingħand l-entitajiet u l-gruppi msemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), pagamenti parzjali bil-quddiem fuq il-kontribuzzjonijiet annwali individwali għal ammont li jasal sa 75 % tal-ammont ta' kontribuzzjonijiet annwali imsemmi fl-Artikolu 3(1) għal dik is-sena finanzjarja. Il-pagament parzjali bil-quddiem ta' kull entità jew grupp għandu jiġi kkalkulat b'mod proporzjonali għall-kontribuzzjonijiet annwali individwali kkalkulati għal tali entità jew grupp fis-sena finanzjarja immedjatament preċedenti.

2. Il-Bord għandu jnaqqas il-ħlas tal-pagament parzjali bil-quddiem mill-kontribuzzjoni annwali individwali tal-entità jew tal-grupp għal dik is-sena finanzjarja.";

"2. l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit bis-segwenti:

"1. Kull sena, fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mill-ħruġ min-naħa tal-BĊE tal-avviżi tariffarji skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mis-7 ta' Lulju tas-sena li fiha jinħarġu l-avviżi tariffarji, il-BĊE għandu jipprovdi lill-Bord *bid-data* dwar kull debitur tal-kontribuzzjoni kif użata mill-BĊE f'dik is-sena sabiex jiġu ddeterminati t-tariffi superviżorji skont ir-Regolament (UE) Nru 1163/2014.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. Jekk debitur ta' kontribuzzjoni jkun stabbilit f'sena finanzjarja partikolari u ma jkunx entità taħt superviżjoni jew grupp taħt superviżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 10(3), il-punt (bc) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014, il-kontribuzzjonijiet annwali individwali dovuti minn dak id-debitur tal-kontribuzzjoni għal dik is-sena finanzjarja u għas-sena finanzjarja ta' wara għandhom jiġu kkalkulati billi l-fatturi tariffarji jiġu stabbiliti għal żero. Fit-tielet sena finanzjarja li għaliha hija dovuta kontribuzzjoni annwali individwali minn tali debitur tal-kontribuzzjoni, il-kontribuzzjoni annwali individwali amministrattiva dovuta għas-sentejn finanzjarji preċedenti għandha tiġi kkalkulat mill-ġdid abbażi tal-fatturi tariffarji użati għal dik is-sena finanzjarja, u d-differenza għandha tiġi saldata kif xieraq.";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit bis-segwenti:

"4. Meta, għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, il-Bord jeħtieġ li jidentifika jekk entità hijiex parti mill-grupp li nnomina debitur tal-kontribuzzjoni partikolari, jew li jivverifika jekk entità hijiex obbligata li tikkontribwixxi għall-infiq amministrattiv tal-Bord, il-BĊE, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jassistu lill-Bord bl-informazzjoni rilevanti kollha.";

(d) il-paragrafu 6 huwa sostitwit bis-segwenti:

"6. Għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali individwali dovuti għal sena finanzjarja partikolari, il-Bord għandu juża *d-data* użata mill-BĊE f'dik is-sena biex jiddetermina t-tariffi superviżorji għas-sena preċedenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1163/2014, u pprovduta lill-Bord skont dan l-Artikolu.";

"3. L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

"4a. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali individwali dovuti għal sena finanzjarja partikolari, il-Bord għandu jqis kwalunkwe bidla kif imsemmi fil-paragrafi 1, 2 u 3, li sseħħ mill-1 ta' Jannar ta' dik is-sena, fis-sena finanzjarja ta' wara.";

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit bis-segwenti:

"6. Minbarra kif previst fl-Artikolu 6(2a), il-kontribuzzjonijiet annwali individwali ta' entitajiet jew gruppi li mhumiex soġġetti għall-bidliet kif imsemmi fil-paragrafi 1, 2 jew 3 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx jiġu aġġustati.";

"4. fl-Artikolu 8, il-paragrafi 3 sa 8 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. L-avviż ta' kontribuzzjoni għandu jispeċifika l-ammont tal-kontribuzzjoni annwali individwali, jew tal-pagament parzjali bil-quddiem imsemmi fl-Artikolu 4a, u l-mod li bih il-kontribuzzjoni annwali jew il-pagament parzjali bil-quddiem għandhom jitħallsu. L-avviż ta' kontribuzzjoni għandu jkun irraġunat kif suppost fir-rigward tal-aspetti fattwali u legali tad-deċiżjoni tal-kontribuzzjoni individwali jew tal-pagament parzjali bil-quddiem.

4. Il-Bord għandu jindirizza kwalunkwe komunikazzjoni oħra fir-rigward tal-kontribuzzjoni annwali individwali, inkluż kwalunkwe deċiżjoni ta' saldu meħuda skont l-Artikolu 10(8) u jekk applikabbli, fir-rigward tal-pagament parzjali bil-quddiem, lid-debitur tal-kontribuzzjoni.

5. Il-kontribuzzjoni annwali individwali jew il-pagament parzjali bil-quddiem għandhom ikunu pagabbli f'euro.

6. Id-debitur tal-kontribuzzjoni għandu jħallas l-ammont tal-kontribuzzjoni annwali individwali jew pagament parzjali bil-quddiem fi żmien 35 jum kalendarju mill-ħruġ tal-avviż tal-kontribuzzjoni. Id-debitur tal-kontribuzzjoni għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-avviż tal-kontribuzzjoni fir-rigward tal-ħlas tal-kontribuzzjoni annwali individwali jew pagament parzjali bil-quddiem. Id-data tal-pagament għandha tkun id-data meta jiġi kkreditat il-kont tal-Bord.

7. Il-kontribuzzjoni annwali individwali u, jekk applikabbli, il-pagament parzjali bil-quddiem, dovuti mill-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 li huma membri tal-istess grupp għandhhom jingabru mingħand id-debitur tal-kontribuzzjoni ta' dak il-grupp.

8. Mingħajr preġudizzju għal kull rimedju ieħor disponibbli għall-Bord, fil-każ ta' pagament parzjali, nuqqas ta' ħlas jew nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet għall-ħlas speċifikati fl-avviż tal-kontribuzzjoni, l-imgħax għandu jakkumula fuq bażi ta' kuljum fuq l-ammont pendenti tal-kontribuzzjoni annwali individwali u, jekk applikabbli, tal-pagament parzjali bil-quddiem b'rata tal-imgħax daqs ir-rata ta' rifinanzjament ewlenija tal-BĊE miżjuda bi 8 punti perċentwali mid-data meta kien dovut il-ħlas.";

"5. L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit bis-segwenti:

"1. Il-ħlasijiet tal-kontribuzzjonijiet annwali individwali u pagamenti parzjali bil-quddiem dovuti u kwalunkwe imgħax għal ħlas tard skont l-Artikolu 8(8) għandhom ikunu infurzabbli.";

"6. Għandu jiddaħħal l-Artikolu 14a li ġej:

"Artikolu 14a

Arranġamenti tranżizzjonali għas-sena finanzjarja 2021

Fl-2021, il-Bord għandu jikkalkula l-kontribuzzjonijiet annwali individwali dovuti għas-sena finanzjarja 2021 abbażi *tad-data* pprovduta mill-BĊE lill-Bord fl-2019 u kwalunkwe aġġornament sussegwenti għalihom skont l-Artikolu 6. Fl-2022, il-Bord għandu jikkalkula mill-ġdid il-kontribuzzjonijiet annwali individwali dovuti għas-sena finanzjarja 2021 abbażi *tad-data* pprovduta mill-BĊE lill-Bord fl-2021 skont l-Artikolu 6. Kwalunkwe differenza bejn l-ammont oriġinarjament ikkalkulat għas-sena finanzjarja 2021 u l-ammont rikalkulat għandha tiġi saldata meta jiġu kkalkolati l-kontribuzzjonijiet annwali dovuti għas-sena finanzjarja 2022.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN